MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2006

Avviz Numru. 329/1999/1

**Avviz. numru 329/99**

**Numru**

**Gasan Insurance Agency Limited bhala rappresentatrici tas-socjeta assikuratrici estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation Plc, u b'nota tas-6 ta' Dicembru 1999 is-socjeta GasanMamo Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta' assikuratrici estera CGU Insurance plc gia General Accident Fire and Life Assurance Corporation plc kif surrogata bil-ligi u bil-polza assumiet l-atti tal-kawza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Mario Fenech**

**Vs**

**Agostino Bonello**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta attrici assikuratrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fis-16 ta' April 1996 fil-limiti tal-Msida waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Nru W-0054, b'mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-risultat li huwa habat mal-vettura numru N-7164 propjeta ta' assikurat tal-attur, Mario Fenech u kkaguna hsarat konsidervoli f'din il-vettura.
2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici fl-ammont ta' tlett mija u wiehed u sebghin lira maltin u erba u ghoxrin centezmu (Lm371.24) jew somma ohra verjuri, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.
3. Tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz.

Bl-ispejjes komprisi dawk tal-konsult (Lm10.00) ta' Ittra Ufficjali tas-25 ta' Frar 1998 (notifikata fil-5 ta' Marzu 1998) u ta' ittra ufficjali ppresentata kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 4 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi l-konvenut u l-kumpanija assiguratrici taghhom kienu diga ammettew ir-responsabilta' ghall-incident relattiv, ossia dwar id-danni sofferti fuq il-parti ta' wara tal-vettura tal-assigurat tal-attur, izda kienu qeghdin jikkontestaw biss il-quantum tad-danni u ghaldaqstant jekk jirrizulta illi s-somma mitluba mill-attur nomine hija eccessiva, l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom ikunu sopportati unikament mill-attur nomine.

2. Salvi eccezzjonijijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-istess nota tal-eccezzjonijiet sottomessa mill-konvenut, din il-kawza hi ristretta, biss, ghall-‘quantum’ ta’ hsarat stante li l-konvenut ammetta r-responsabilta’ tieghu ghall-istess hsarat izda qed jikkontesta l-‘quantum’ tal-istess hsarat.

Illi, dwar dan il-punt kontestat, gew prodotti s-segwenti provi:-

a) L-istess assikurat tas-socjeta attrici nomine Mario Fenech (fol 34 u fol 35 tal-atti) wara li spjega kif kienet id-dinamika ta’ dan l-incident, spjega li ma setax jikkonferma jew jeskludi jekk il-hsara fuq il-‘bumper’ tal-vettura misjuqa minnu kienitx ‘minima’ jew le u jekk l-istess ‘bumper’ kienx inbidel jew le. Dwar l-istess punt u meta gie muri r-ritratt esebit mill-konvenut a fol 33B tal-istess atti hu seta’ jaghraf li l-vettura hemm murija kienet dik li kien qed juza meta gara’ dan l-incident pero’ “ma qed nara l-ebda hsara, tista’ tghid fuq il-bumper tieghu ta’ wara’.

b) Is-‘surveyor’ involut, Joseph Buttigieg (fol 36 et seq ibid) spjega li l-istess ‘bumper’ kien maghmul minn plastic u kien ikkostata illi kien hemm ‘…daqqa fuq il-bumper’ ta’ wara, fuq il-panel ta’ wara u daqxejn gewwa ukoll. Inoltre hu kien tal-opinjoni illi l-istess bumper kellu jinbidel. L-istess xhud esebixxa ir-rapport ossija ‘survey’ sottomess minnu fuq inkarigu tas-socjeta attrici nomine ( fol 39 ibid) minn fejn jigi notat illi hu kien ra illi kien hemm “rear bumper damaged rear panel buckled and floor panel buckled’ waqt li l-ispejjes kollha (Total & Vat) kellhom jkunu Lm195.50,0. Dwar l-istess daqqa hu ddeskriviha bhala li ma kienetx ‘…granche, pero’ minghajr hsara eccessiva’ waqt li d-daqqa li kkawzat il-hsara bhala wahda li ‘… ma setghetx kienet zghira’ u dan a basi tal-istess danni, kif di gja, deskritti minnu.

c) <u>Hugh P Zammit</u>, 'claims manager' mas-socjeta' attrici nomine (fol 48 et seq ibid) ikkonferma illi l-valur ta' riparazzjonijiet, f'dan il-kaz, tela' ghal Lm354.24,0 f'liema somma ghandha tigi inkluza dik ta' Lm10 in rigward l-ispejjez tas-'survey report' gja imsemmi kif ukoll ta' Lm3 in rigward kopja tar-rapport redatt mill-Pulizija. B'mod specifiku, hu semma' illi l-imsemmi 'bumper' sewa Lm162.74,0 liema ammont kien thallas lis-socjeta "I.M.P. (Malta) Limited waqt li l-ammont dovut in rigward 'panel beating' u 'spray' kien thallas lil "Kingston Garage". In rigward l-istess spejjes a fol 54 u a fol 56 tinsab il-fattura kif korretta u l-ircevuta relattiva ammontanti finalment, ghas-somma ta' <u>Lm162.74</u>, kif imhallsa lill-imsemmija socjeta waqt li a fol 55 u fol 54 jinsabu l-fattura, u l-incevuta relattiva, ammontanti ghal <u>Lm212.75</u>, liema somma thallset lill-istess 'garage' imsemmi (ara ukoll ix-xhieda ta' <u>Robert Gauci</u> a fol 57 u fol 58 ibid u ta' <u>Hubert Agius</u> a fol 73 u fol 74 ibid).

d) Gie prodott mill-konvenut <u>Salvino Zammit</u> (fol 81 et seq ibid) li, bhala 'claims manager' tas-socjeta assikuratrici tal-konvenut, spjega, anke permezz ta' zewg 'faxes' esebiti a fol 84 u fol 85 tal-atti, mibghuta minnu lis-socjeta attrici, illi l-'bumper' in kwistjoni, illi kien qed jigi kontestat, biss il-'quantum' ta' hsarat pretizi minhabba li <u>l-…..'bumper' in kwistjoni kellu biss hsarat zghar</u>' u li l-assikurat ossija l-konvenut odjern kien qed jsostni illi dan '…. Lanqas inbidel'. Inoltre sostna ukoll illi l-assikurat tas-socjeta attrici kien ikkonferma mieghu, telefonikament u presenti l-istess konvenut, illi dejjem l-istess bumper ma kienx inbidel.

e) Fl-ahharnett, <u>il-konvenut</u> (fol 87 et seq ibid) meta xehed sostna li l-vettura uzata minn Mario Fenech u li kienet tal-marka "Rover" "… vizibilment …… ma kellha l-ebda hsara". Din il-vettura kellha 'tow bar' fuq wara pjuttost 'sporgenti" u 'hadd minna ma kien ghaddej b'xi speed esagerat'. Inoltre wara l-incident Mario Fenech kien qalli illi "… kellu bzonn ftit 'setting' fil-booth".

<u>Ikkundrat</u>

Illi, sintetizzati l-provi kollha prodotti dwar il-fatturi in esami u kontestati, gew konsiderati in forma preliminari s-segwenti kriterji:-

a) Kif jinghad fl-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-obbligi ta' prova ta' fatt imiss dejjem lil minn jallegah. Ghalhekk kien jinkombi fuq is-socjeta attrici nomine sabiex tipprova li, effettivament gew kagonati d-danni allegatament mill-konvenut fil-vettura misjuqa mill-assikurat taghha.
b) Dejjem gie ritenut mill-Qrati Maltin illi d-danni ghandhom jigu rinunzjati.

Illi, wara li gew meqjusa bir-reqqa minn din il-Qorti, l-provi prodotti mis-socjeta attrici abbinati ma dawk prodotti mill-istess konvenut il-Qorti tara li ma tistax tistrieh, b'mod seren, fuq il-provi li tressqu mill-istess socjeta' attrici u dan kemm in rigward x'danni gew, filfatt, kagunati fil-vettura misjuqa minn Mario Fenech kemm in rigward il-'quantum' pretiz. Tali fatt jirrisulta kemm mis-survey report fejn ma hemmx qbil bejn l-ammont specifikat ghal 'labour' ghal 'spray' u 'apprx parts' u l-ammont imnizzel bhala 'total & Vat", <u>kemm</u> mix-xhieda, moghtija mill-istess Mario Fenech meta mir-ritratt esebit a fol 33 B tal-atti u li ma setax jindika liema 'parts' inbidlu <u>kemm</u> mill-imsemmi 'surveyor' li ddeskriva d-daqqa li qalghet l-vettura misjuqa minn Mario Fenech bhala wahda mhux 'granche' u li '…ma setghetx tkun wahda zghira'. Hawnhekk ta' min jaghmel referenza ghall-imsemmi ritratt minn fejn jidher li, fil-fehma ta' din il-Qorti hu muri l-'bumper' in kwistjoni, wara l-kollisjoni in esami u li fuqu ma tidhirx li giet kagunata hsara li tiggustifika l-bidla tal-'bumper' kollu kemm hu, liema hsara giet deskritta fir-'road accident report' bhala 'slight' (ara fol 51 ibid). Fl-ahhar nett ghandu jigi notat it-'tow bar' fuq in-naha ta' wara tal-vettura misjuqa minn Mario Fenech u li seta' jagixxi bhala protezzjoni ghall-istess vettura.

Illi minhabba dak kollu premess u minghajr ma tigi injorata x-xhieda tal-konvenut u ta' Salvino Zammit, il-konkluzzjoni ghandha tkun illi l-ammont pretiz mis-socjeta attrici bhala 'quantum' ma hux gustifikat u ghalhekk din il-Qorti rat li

kellha tiffissa ammont ‘arbitrio boni viri’ u ghalhekk ser tiffissa l-istess ‘quantum’ fis-somma ta’ Lm195.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa ‘in parte’ it-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident stradali in esami minhabba sewqan negligenti, imprudenti u kontra r-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut;
2. tillikwida l-ammont ta’ danni fis-somma ta’ Lm195 u;
3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta’ Lm195 bl-imghax legali mid-data ta’ din is-sentenza sal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes, dawn jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------